# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-17 t'Ottubru, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**
**Rikors Numru 64/2017**

**Francis (K.I. 5339 M) u**
**Mary (K.I. 345644 M)**
**konjugi Scicluna**

**vs.**

**L-Avukat Generali u l-Awtorita`**
**tal-Artijiet**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat is-16 t'Awwissu, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament ippremettew s-segwenti, (ara foll 1);

1.1. Illi huma kienu s-sidien ta' nofs indiviz tal-proprjetatjiet indikati fl-istess rikors promotur, (ara foll 1);

1.2. Illi l-istess proprjetajiet gew esproprijati mill-Gvern b'titolu ta' pussess u uzu b'zewg (2) dikjarazzjonijiet datati t-30 ta' Novembru, 1973, u l-1 ta' Lulju, 1982;

1.3. Illi wiehed mill-istess proprjetajiet, senjatament dak bin-numru civiku 23, Triq il-Punent, Valletta, gie konvertit minn titolu ta' pussess u uzu ghal titolu ta' dominju pubbliku;

1.4. Illi b'sentenza ta' din l-istess qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Francis u Mary mizzewgin Scicluna vs. Kummissarju tal-Art** datata s-**6 t'Ottubru, 2006**, kien iddikjarat li z-zamma tal-pussess tal-fondi fuq riferiti wara li ghaddew ghaxar (10) snin minn meta ttiehdu, minghajr mal-Kummissarju *de quo* ha passi biex jiddetermina t-titolu taghhom – hlief ghall-fond numru 23, Triq il-Punent, Valletta, fuq riferit, li sar fl-2001 – u minghajr ma inghataw kumpens relattiv, jikser id-dritt fundamentali taghhom kif sancit fl-artiklu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni), u fl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem, il-Kostituzzjoni);

1.5. Illi ghall-istess l-imsemmi Kummissarju gie ikkundannat ihallas is-somma ta' hames mitt Lira Maltin, (Lm500.00), lir-rikorrenti;

1.6. Illi pero` l-qorti fuq imsemmija naqset li tezercita s-setghat taghha biex tordna li jinghata kumpens xieraq ghar-raguni li r-rikorrenti setghu aderew il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet *ai termini* tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 88);

1.7. Illi l-istess sentenza fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel), giet debitament appellata;

1.8. Illi pero` fl-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2007, il-kontendenti qabblu li l-appell jigi hemm differit *sine die* peress li fis-

27 ta' Dicembru, 2006, d-Direttur tal-Artijiet hareg dikjarazzjonijiet godda ta' esproprju fuq bazi ta' xiri assolut;

1.9. Illi fir-rigward ir-rikorrenti irriservaw id-dritt li jikkontestaw il-kumpens offrut;

1.10. Illi l-kumpens offrut kien ikkalkulat a bazi tal-artiklu 22(11) (b) (c) tal-Kap 88;

1.11. Illi fil-kaz tal-fond numru 23, Triq il-Punent, Valletta, il-kumpens offrut kien a bazi tal-kapitalizzazzjoni tal-kera bir-rata ta' wiehed punt erbgha fil-mija, (1.4%);

1.12. Illi oggezzjonaw ghall-istess kumpens hekk lilhom offurt u inizzjaw hames (5) proceduri appoziti fil-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet biex dan il-Bord jiffissa kumpens xieraq skont il-ligi;

1.13. Illi l-imsemmi Bord laqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'sentenzi datati l-1 ta' Frar, 2012, u iffissa l-kumpens komplessiv fis-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin elf u seba' mitt euro u sbatax -il centezmu, (€253,700.17), kif indikat fl-istess rikors promotur, (ara foll 2);

1.14. Illi d-Direttur fuq riferit appella minn tlieta (3) mill-hames (5) sentenzi tal-imsemmi Bord, (ara foll 2);

1.15. Illi l-Qorti tal-Appelli, b'sentenzi datati d-29 t'April, 2016, irriformat id-decizjonijiet tal-Bord *stante* li sosstniet li ma kienx hemm esproprijazzjoni gdida izda semplicement bidla minn "pussess u uzu" ghal "xiri assolut";

1.16. Illi ghalhekk iffissat il-kumpens billi ikkapitalizzat il-kera ta' akkwist bir-rata ta' wiehed fil-mija, (1%), jew fil-kaz tal-fond numru 23, Triq il-Punent, Valletta, mehud b'titolu ta' dominju pubbliku, stabbiliet il-kera ta' akkwist bir-rata ta' wiehed punt erbgha fil-mija, (1.4%);

1.17. Illi in vista tal-istess ghalhekk inghataw kumpens komplessiv ta' tlettax il-elf, seba' mija u tlieta u tletin euro, u hamsa u erbghin centezmu, (€13,733.45);

1.18. Illi l-Qorti tal-Appell naqset li tezamina l-procedura minn ottika aktar estensiva billi fis-sentenzi tal-istess ma ssir l-ebda referenza ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u illimitat ruhha biss ghall-Kap 88;

1.19. Illi ghalhekk il-kumpens hu wiehed baxx, sproporzjonat, irragonevoli u irrizorju, u ma jistghax jitqies li hu bizzejjed biex johloq il-bilanc mehtieg bejn l-interess kollettiv u dak tar-rikorrenti;

1.20. Illi ghalhekk ukoll holoq piz eccessiv u ingustifikat fuq ir-rikorrenti;

1.21. Illi l-kumpens hekk moghti lir-rikorrenti hu leziv id-drittijiet tar-rikorrenti kif fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel);

1.22. Illi *di piu`* tul dan iz-zmien kollu li ilhom ipprivati mill-imsemmija proprjetajiet, ma nghataw l-ebda kumpens u kellhom jghaddu minn diversi proceduri sakemm fl-ahhar inghataw il-kumpens mizeru u sproporzjonat fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt sbatax, (1.17.), aktar qabel);

1.23. Illi jinghad ukoll li l-fondi numru 16 u 18, Triq it-Turgien, Valletta, minkejja li gew mehuda fl-1973, qatt ma intuzaw;

1.24. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.24.1. Tiddikjara li l-kumpens moghti a bazi tal-Kap 88 fuq il-proprjetajiet 16 u 18, Triq it-Turgien, Valletta, u 23, Triq il-Punent, Valletta, mhux adegwat jew proporzjonat, u hu leziv id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sancit fl-artiklu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni u fl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni;

1.24.2. Tiddikjara li l-fatt li gew imcahhda mill-proprjetajiet taghhom minghajr ma nghataw kumpens ghal kwazi 40 sena hu leziv l-istess artikli indikati fil-paragrafu precedenti;

1.24.3. Taghmel dawk l-ordnijiet li tqis xierqa biex tizgura t-twettieq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluz li tordna lill-intimati jaghtu kumpens xieraq lir-rikorrenti li jirrifletti l-valur tal-proprjetajiet illum;

1.24.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat it-22 t'Awwissu, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta datata t-15 ta' Settembru, 2017, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 6):

3.1. Illi qabel jipprocedu bil-kawza odjerna, r-rikorrenti kellhom ihallsu l-ispejjez rigwardanti l-appell kostituzzjonali minnhom abbandunat u rinunzjat;

3.2. Illi l-ilment tar-rikorrenti rigward l-esproprju in dizamina gia` gie deciz minn din il-qorti diversament preseduta, (ara foll 9);

3.3. Illi jekk ir-rikorrenti ma kienux qed jaqblu mal-konkluzjonijiet tal-istess decizjoni indikata fil-paragrafu precedenti, dawn kien messhom zammew l-appell minnhom inoltrat fil-Qorti Kostituzzjonali haj, u mhux jergghu jirrepetu proceduri kostituzzjonali mill-gdid, aktar minn ghaxar (10) snin wara;

3.4. Illi *in effetti* r-rikorrenti gia` kellhom rimedju izda abbandunawh;

3.5. Illi l-artiklu 22(11) tal-Kap 88 ma jistax jigi attakkat ghaliex hu parti minn ligi ezistenti qabel l-1962, u allura hu protett bl-artiklu 47(9) tal-Kostituzzjoni;

3.6. Illi l-artiklu 22(11) tal-Kap 88 ma jilledix l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u lanqas l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni;

3.7. Illi r-rikorrenti ma jistghux jippretendu li l-kumpens involut jinhadem fuq valur ta' Dicembru, 2006, *stante* li hu stabbilit li l-valur involut jinhadem a bazi ta' meta l-art tkun ittiehdet b'mod effettiv, li f'dan il-kaz parti ittiehdet fl-1973 u parti ohra fl-1982, u ghalhekk il-valur tal-istess ghandu jigi ikkalkulat fuq dawn id-dati;

3.8. Illi konsegwentement ir-rikorrenti huma ingusti meta jikkritikaw is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell li irriformaw is-sentenzi tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet;

3.9. Illi r-rikorrenti lanqas jistghu jilmentaw fuq id-dewmien biex jinghalaq il-processar ta' esproprijazzjoni *stante* li l-ligi ordinarja tipprovdi rimedju xieraq fir-rigward u dan, apparti l-fatt li nghataw Lm500.00 u €1,164.69 minn qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali bhala kumpens minhabba dewmien;

3.10. Illi *di piu`* fl-istess rigward ir-rikorrenti naqsu li juzaw il-fakolta` koncessa lilhom taht l-artiklu 19(1) tal-Kap 88;

3.11. Illi mhux siewja l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-postijiet 16 u 18, Triq it-Turgien, Valletta, mhumiex jintuzaw;

3.12. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.13. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Novembru, 2017, fejn wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li l-ewwel tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, (ara paragrafu numru 1 f'foll 6 u foll 25);

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti pprezentati *in atti*;

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hi decizjoni limitata ghall-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati li permezz taghha isosstnu li qabel jipprocedu bil-kawza odjerna r-rikorrenti kellhom qabel xejn ihallsu l-ispejjez dovuti ghall-appell kostituzzjonali minnhom abbandunat u rrinunzjat;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi fil-limiti fuq indikati, l-fatti li taw bidu ghall-procedura odjerna jistghu sintetikament jigu elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti huma sidien ta' proprjetajiet fi Triq il-Punent u fi Triq it-Turgien, Valletta, (ara foll 1);

9.2. Illi l-istess proprjetajiet gew mehuda mill-predecessur tal-Awtorita` intimata permezz ta' dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali ta' Malta datata t-30 ta' Novembru, 1973, u ta' dikjarazzjoni tal-Agent President ta' Malta datata l-1 ta' Lulju, 1982, (ara foll 1);

9.3. Illi r-rikorrenti ikkontestaw l-istess u l-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** diversament preseduta ppronunzjat is-sentenza taghha fis-6 t'Ottubru, 2006, (ara foll 9);

9.4. Illi s-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti giet debitament appellata, (ara foll 2 u 5);

9.5. Illi fl-udjenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata t-8 ta' Jannar, 2007, l-appell kostituzzjonali gie abbandunat u rinunzjat mir-rikorrenti, (ara foll 6), u konsegwentment l-istess appell kostituzzjonali in kwistjoni kien dikjarat "...appell dezert", (ara foll 28);

9.6. Illi permezz tal-procedura odjerna r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-qorti:

9.6.1. Tiddikjara li z-zamma tal-pussess tal-fondi fuq riferiti mil-Awtorita` intimata tilledi d-drittijiet fundamentali taghhom fuq indikati;

9.6.2. Taghti allura lir-rikorrenti dawk ir-rimedji necessarji naxxenti mill-istess;

9.7. Illi apparti l-fatt li l-intimati jikkontestaw il-mertu in dizamina, qeghdin preliminarjament jeccepixxu l-fatt li din il-procedura ma tistax tizviluppa ghaliex qabel jintraprendu din il-procedura r-rikorrenti kien misshom hallsu l-ispejjez dovuti in konnessjoni mal-appell kostituzzjonali minnhom abbandunat, (ara foll 6 u foll 30, 31, 33 u 34);

Ikkunsidrat:

10. Illi in sosstenn tat-tezi preliminari taghhom l-intimati jistriehu fuq l-artiklu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), li jistipula s-segwenti:

> "Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra";

Ikkunsidrat:

11. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Deborah Anne Buttigieg *et* vs. Joseph Rapa *et***, datata l-**20 ta' Dicembru, 2017**, li sosstniet is-segwenti:

> "Illi, qabel xejn, irid jinghad li, bhala principju, l-artikolu 906(1) tal-Kap 12 jaghti l-jedd lil kull wahda mill-partijiet li, f'kull waqt tal-kawza sal-ghoti tas-sentenza, tirrinunzja b'Nota ghall-atti li hi tkun ressqt f'dik il-kawza. Il-ligi trid, madankollu, li meta jigri hekk, il-parti li tirrinunzja ghall-atti thallas l-ispejjez tal-kawza u ma tistax tibda kawza ohra dwar l-istess haga qabel ma tkun hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra. Sakemm ir-rinunzja tkun wahda minghajr kundizzjonijiet, il-parti l-ohra ma tistax tirrifjutaha;

"Illi c-cessjoni ta' kawza hi wahda mill-ghamliet ta' rinunzja ghall-atti, u tibda ssehh hekk kif issir fil-forma li tippreskrivi l-ligi u, ladarba tkun saret, ma tistax tithassar jew tingibed lura minhabba li r-rinunzja toqtol – sal-limiti li fiha tkun saret – il-mixi 'l quddiem tal-process gudizzjarju;

"Illi r-rizervi maghmula f'Nota ta' cessjoni jew rinunzja (bhal, per ezempju, "biex l-esponenti jirregola ruhu ahjar" jew "bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti") ma jaghmlux tali rinunzja wahda kundizzjonata, u l-parti l-ohra ma tistax tirroftaha. Inghad li r-"*ratio*" ta' dan l-ordinament maghzul mil-ligi taghna hu li hekk kif jiddependi mill-attur jistitwix il-gudizzju jew le, hekk ukoll minnu stess jiddependi jekk iridx ikomplih jew iwaqqfu f'kull waqt tal-kawza";

12. Illi in vista tal-artiklu fuq citat u tal-insenjament fuq riprodott, jirrizulta assodat li persuna tista' biss tintavola kawza ohra kontra l-istess persuna fuq l-istess mertu wara li tkun cediet kawza precedenti fil-konfront tieghu biss bil-kundizzjoni li din tkun hallset u ghamlet tajjeb ghall-ispejjez kollha involuti fil-process li hi stess tkun cediet;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi minn ezami tal-atti tal-kawza odjerna jirrizulta assodat;

13.1. Illi l-kontendenti gia` kellhom kawza bejniethom fuq l-istess mertu hawn in dizamina li kien deciz in prim'istanza fis-6 t'Ottubru, 2006, (ara foll 9);

13.2. Illi r-rikorrenti fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti intavolaw appell mill-istess sentenza, (ara foll 1 u 6);

13.3. Illi fid-9 ta' Lulju, 2007 l-istess rikorrenti abbandunaw u irrinunzjaw l-appell indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 2 u 6), liema appell ghalhekk kien dikjarat desert, (ara foll 28 u 33);

13.4. Illi ma jirrizultax li r-rikorrenti hallsu l-ispejjez tal-proceduri fuq indikati qabel ma intavolaw il-procedura odjerna hawn in dizamina, (ara foll 6, 30, 31, 33 u 34);

13.5. Illi fir-rigward tan-nuqqas tal-pagament tat-taxxa tar-registru ghall-procedura in dizamina, r-rikorrenti Francis Scicluna jiddikjara li ma jaf xejn fir-rigward u li m'ghandux ricevuta tal-pagament, (ara foll 30), waqt li martu r-rikorrenti Mary Scicluna, tiddikjara li huma kellhom id-dokumentazzjoni kollha ghand l-avukat u sa fejn taf hi, kollox kien kif suppost, u illi *di piu`*, ssosstni li r-ricevuta tal-pagament *de quo* qeghda fil-*file*, (ara foll 31);

Ikkunsidrat:

14. Illi ovvjament id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti Mary Scicluna hi semplicement allegazzjoni unilaterali li ma gietx sostenuta bil-prova materjali *stante* li l-ircevuta ma gietx ipprezentata *in atti* bhala prova tangibbli ta' dak minnha sostenut;

15. Illi ghalhekk tali affermazzjoni ma tistax tigi emnuta u konsegwentement din il-qorti hi konvinta li l-ispejjez tal-kawza in dizamina ma thallsux mir-rikorrenti;

16. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-ispejjez tal-kawza fuq riferita baqghu ma thallsux;

Ikkunsidrat:

17. Illi taghmel referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Josephine Bonello *proprio et nomine* vs. John Bonello**, datata l-**31 ta' Jannar, 2003**, li sosstniet is-segwenti:

> *"... trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante u convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens"* (**Vol XVIII p I p 879; Vol XLIX p I p 421**).

Ikkunsidrat:

18. Illi għalhekk hawn *si tratta* ta' ordni pubbliku u mhux ta' kwistjoni ta' legalizmu jew formalizmu żejjed, u għalhekk, stabbilita l-liġi, din għandha tiġi osservata *ad litteram*;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi tal-fehma li l-artiklu 907(2) tal-Kap 12 fuq riprodott japplika *in toto* għal kaz in dizamina u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati timmerita li tiġi akkolta;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati;

20.2. Tiddikjara li konsegwenza tal-istess il-kawza odjerna intavolata mir-rikorrenti ma tistax tibda;

20.3. Tirrespingi għalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

20.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Francis u Mary konjugi Scicluna.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**